



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 174/24

Il-Lussemburgu, 7 ta' Ottubru 2024

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Tibdil parzjali fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja u dħul fil-kariga ta' Membri ġodda tal-Qorti Ġenerali

Permezz ta' deċiżjonijiet tat-8 ta' Novembru 2023, tas-27 ta' Marzu 2024, tat-3 ta' Lulju 2024 u tat-2 ta' Ottubru 2024, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ġeddew, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2024 u s-6 ta' Ottubru 2030, il-mandat ta' 6 Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri, Constantinos Lycourgos, Jan Passer, Thomas von Danwitz, Ineta Ziemele, Irmantas Jarukaitis u Andreas Kumin.

Permezz ta' deċiżjonijiet tat-22 ta' Mejju 2024, tat-3 ta' Lulju 2024 u tat-2 ta' Ottubru 2024, inħatru bħala Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2024 u s-6 ta' Ottubru 2030, Bernardus Smulders (minflok Alexandra Prechal), Massimo Condinanzi (minflok Lucia Serena Rossi), Fredrik Schalin (minflok Nils Wahl), Stéphane Gervasoni (minflok Jean-Claude Bonichot), Niels Fenger (minflok Lars Bay Larsen) u Ramona Frendo (minflok Peter George Xuereb).

Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 2024, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ġeddew, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2024 u s-6 ta' Ottubru 2030, il-mandat ta' Jean Richard de la Tour, Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Permezz ta' deċiżjonijiet tas-27 ta' Marzu 2024, tat-3 ta' Lulju 2024 u tat-2 ta' Ottubru 2024, inħatru bħala Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2024 u s-6 ta' Ottubru 2030, Dean Spielmann (minflok Anthony Michael Collins), Andrea Biondi (minflok Giovanni Pitruzzella) u Rimvydas Norkus (minflok Priit Pikamäe).

Permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Ottubru 2024, inħatru bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2024 u l-31 ta' Awwissu 2025, Hervé Cassagnabère (minflok Stéphane Gervasoni), u, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2024 u l-31 ta' Awwissu 2028, Raphaël Meyer (minflok Dean Spielmann).

Fl-okkażjoni, minn naħa, tal-waqfien mill-kariga u tat-tluq ta' Lars Bay Larsen, ta' Alexandra Prechal, ta' Jean-Claude Bonichot, ta' Peter George Xuereb, ta' Lucia Serena Rossi, ta' Priit Pikamäe, ta' Nils Wahl u ta' Anthony Michael Collins u, min-naħa l-oħra, tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-Membri l-ġodda tal-istituzzjoni, illum ser tinżamm udjenza solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Ix-xandira diretta tal-udjenza solenni ser tibda fil-17.00 fuq is-sit aċċessibbli f'dan il-link:

[CURIA - Streaming – Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://curia.europa.eu/streaming-il-qorti-tal-justizzja-tal-unjoni-ewropea)

Preżentazzjoni tal-Membri l-ġodda

Bernardus Smulders: [CURIA - Preżentazzjoni tal-Membri - Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

Dean Spielmann: [CURIA - Preżentazzjoni tal-Membri - Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

Massimo Condinanzi: [CURIA - Preżentazzjoni tal-Membri - Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

Fredrik Schalin: [CURIA - Preżentazzjoni tal-Membri - Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

Andrea Biondi: [CURIA - Preżentazzjoni tal-Membri - Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

Stéphane Gervasoni: [CURIA - Preżentazzjoni tal-Membri - Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

Niels Fenger: [CURIA - Preżentazzjoni tal-Membri - Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

Ramona Frendo: [CURIA - Preżentazzjoni tal-Membri - Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

Rimvydas Norkus: [CURIA - Preżentazzjoni tal-Membri - Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

Hervé Cassagnabère: [CURIA - Preżentazzjoni tal-Membri - Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

Raphaël Meyer: [CURIA - Preżentazzjoni tal-Membri - Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

